Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Gurisdizzjoni Superjuri
Sezzjoni Generali

Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 32/2019 BS

Farida's Indian Cuisine Ltd et

-vs-

John Bezzina Catering Co. Ltd.

Illum 10 ta' Ottubru 2019.

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Fid-19 ta' Settembru 2019 Farida's Indian Cuisine u DJ Mechanical Labour Services Limited għal kull interess li jista jkollha, (minn issa 'l quddiem imsejjħa "ir-rikorrenti"), ippreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni kontra John Bezzina Catering Company Limited (minn issa 'l quddiem imsejjħa "l-intimata");

Fid-19 ta' Settembru, 2019, ingħata digriet li permezz tiegħu l-Qorti laqgħet ir-rikors proviżorjament u tat lill-intimata żmien għar-risposta ;

L-intimata ġiet notifikata fl-20 ta' Settembru 2019;

Fit-23 ta' Settembru, 2019 is-soċjeta intimata debitament rappreżentata minn Anna Cordina Costa intavolat ir-risposta tagħha.

Fl-04 ta' Ottubru 2019, waqt is-seduta xehed Anthony Mario Bajada, rappreżentant tal-Lombard Bank li ppreżenta dokumenti, Anna Cordina Costa u Darren Jordan. Dak inhar stess l-avukati ttrattaw ir-rikors li tħalla għal digriet kamerali.

Rat l-atti tar-rikors u tal-mandat inklużi d-dokumenti esibiti;

II. **IT-TALBA**.

Ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tordna l-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni sabiex l-intimata tinżamm milli :

*" tbiegh, tassenja jew tittrasferixxi jew b'xi mod iehor tiddisponi minn, jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq, jew bi kwalunkwe mod iehor tghaddi t-tgawdija temporanja jew xort'ohra tiddisponi minn jew timponi xi piz jew obbligazzjoni reali jew personali fuq is-segwenti proprjeta' u senjatament il-fond internament immarkat numru tnejn 92) formanti parti mill-kumpless numru hdax (11) fi Triq id-Duluri, Marsalforn, kimiti, Zebbug, Ghawdex, minghajr l-arja tieghu izda nkluz kamra li tinsab fil-livell ta' basement, konfinanti nofsinhar ma' Triq id-Duluri, Marsalforn, punent ma' trejqa bla isem u lvant ma' blokk appartamenti proprjeta' ta' terzi njoti. "*

**IV. IR- RISPOSTA TA' L-INTIMATI**

L-intimati talbu illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi miċħuda billi r-rikorrenti ma għandhomx *locus standi,* kif ukoll :

*"Fl-ewwel lok, jichdu li l-proprjeta' in vendita ma hijiex koperta bil-permessi relattivi u din hija semplicement allegazzjoni nfondanta ntiza biex ittellef milli jsir il-bejgh;*

*Fit-tieni lok, ma huwiex minnu li l-esponenti ma trid iggedded dan in-negozju, in fatt l-konvenju nizjali kien sar fis-sena 2017!, u ormai ilhu aktar minn bizzejjed. Izda, kienu r-rikorrenti li qeghdin itawlu inutilment, u kien ghalhekk li l-esponenti kienet kostretta li tinterpella lis-socjeta' DJ Mechanical Labour Serices Ltd et permezz ta'ittra ufficjali biex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh favur is-socjeta' esponenti, tal-immobbli oggett tal-konvenju, hekk kif effettivament obbligat li tixtri."*

**V. ID-DRITT.**

**Il-**mandat t'inibizzjoni l-liġi tgħoddu bħala wieħed mill-atti kawtelatorji (Artiklu 830(1)(ħ) kodiċi ritwali);
Illi l-liġi tgħid ukoll li "**Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet"** ;

Għalhekk minn qari akkurat tas-subincizi (1) u (2) tal-Art 873 tal-Kap 12, jirriżulta illi l-Qorti hija prekluża milli tordna l-ħruġ tal-Mandat, sakemm ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li ġejjin :-

a) Il-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti ;
b) Ir-rikorrenti ghandhom dawk il-jeddijiet sal-livell tal-*prima facie* ;

c) Jekk it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma tiġix milqugħa, il-preġudizzju li jġarrbu r-rikorrenti jkun irrimedjabbli.

## VI. ĠURISPRUDENZA

Rigward l-element tal-*prima facie* il-Qorti tal-Appell[1] ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor il-jedd irid jidher '*prima facie*', jiġifieri ma' l-ewwel daqqa t'għajn.

L-elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' l-Mandat.

Il-proċedura tal-Mandat hija eċċezzjonali u straordinarja[2].

Il-proċedura hija wkoll waħda sommarja. Dan ifisser illi quddiem din il-Qorti ma hux mistenni illi jitressqu dawk il-provi illi għandhom jitressqu waqt il-kawża dwar il-jedd u għalhekk dan ifisser wkoll illi meta tintlaqa' it-talba għall-ħruġ tal-mandat dan ma jkunx ifisser illi dak il-jedd ġie ppruvat u daqstant ieħor illi l-jedd ma jeżistix meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma tintlaqax. Il-mansjoni ta' din il-Qorti huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.

## VII. RIŻULTANZI

### a) Jedd *prima facie*

Mix-xhieda ta' Anna Cordina Costa u mid-dokumenti esebiti jirriżulta illi kien ġie ffirmat konvenju bejn l-intimata u Darren Jordan in rappreżentanza tas-socjeta' rikorrenta DJ Mechanical Labour Services Limited liema konvenju ġie ffirmat fit-23 ta' Settembru, 2017 u mġedded għal sena oħra fid-19 ta' Settembru, 2018. Anna Cordina Costa xehedet illi wara illi ġie ffirmat il-konvenju Darren Jordan beda jivversalha pagamenti u dana skont it-termini ta' l-istess ftehim. Din xhud ikkonfermat illi l-aħħar pagament mingħand Darren Jordan sar fis-6 ta' Settembru 2019.

Wieħed mill-argumenti sollevati mill-intimata huwa li l-kumpanija DJ Mechanical Labour Services ġiet xolta fl-4 ta' Ġunju, 2019 u għalhekk tilfet il-personalita'

[1] Grech pro et noe v Manfre', Qorti ta' l-Appell, deċiża 14 ta' Lulju, 1988.
[2] Ulrich Barfuss v Perit John u Mariella konjuġi Gambina, Rik. Nru. : 1103/19, 26 ta' Settembru, 2019

ġuridika tagħha. Dan il-fatt infatti jirriżulta mid-dokumenti esebiti. Jirriżulta wkoll illi fl-10 ta' Ġunju, 2019 twaqqfet il-kumpanija rikorrenta Farida's Indian Cuisine li fid-9 ta' Settembru, 2019 daħlet fi ftehim ta' assenjament mal-kumpanija DJ Mechanical Labour Services. Mill-atti jirriżulta wkoll illi inbeda l-proċess sabiex DJ Mechanical Labour Services Limited tiġi restorata, iżda ma ġie ppreżentat ebda dokument illi jipprova illi dan il-proċess ingħalaq u li effettivament ir-restorazzjoni saret. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tqis li din il-kumpanija tgawdi personalita' ġuridika. Din il-personalita' intilfet max-xoljiment fl-4 ta' Gunju, 2019. Dan għalhekk ifisser illi din l-istess kumpanija ma setgħetx f'Settembru tassenja ebda dritt lil Farida's Indian Cuisine Limited.

Tenut kont ta' dawn il-fatti kollha l-Qorti tosserva illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni qed tintalab minn żewg kumpaniji; waħda illi jirriżulta illi għadha xolta u oħra li ġiet reġistrata fl-10 ta' Ġunju, 2019 iżda li ma kenitx waħda mill-partijiet fil-konvenju.

**PROVVEDIMENT**

Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti tqis illi ebda waħda mir-rikorrenti ma għandha *locus standi* f'dawn il-proċeduri u għalhekk qed tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta` Inibizzjoni kif dedotta kontra l-intimata.

Kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

(ft.) Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur